Sa mill-1894, il-Papa Ljun XIII, kien ħeġġeġ biex fil-Knisja tinbeda l-prattika tal-"Ottavarju ta' Talb għall-Għaqda tal-Insara" u ftit snin wara Father Paul Wattson, issuġġerixxa biex tiġi ċċelebrata bejn il-festa tal-Katidra ta' S. Pietru u dik tal-Konverżjoni ta' S. Pawl, jiġifieri bejn it-18 u l-25 ta' Jannar. Mis-sena 1968 il-Knisja Kattolika bdiet tipproponi tema komuni biex tmexxina tul dil-ġimgħa. Din is-sena għandna kliem S. Pawl lill-Efesin (4:4):

***"Hemm ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda".***




Imma hemm min jistaqsi: *Kif inhi din li rridu nitolbu għall-għaqda bejn l-Insara? Mela aħna mhux kollha nemmnu l-istess?*

Meta l-Appostli xterdu mad-dinja kollha biex ixandru l-Bxara t-Tajba li Ġesù Kristu qam mill-mewt, li hu l-Iben ta' Alla l-Ħaj, is-Salvatur veru ta' kull bniedem; dawk kollha li kienu jemmnu fiH bdew jissejħu Kristjani jew bi Isienna Nsara, u f'kull belt fejn marru waqqfu l-Knisja jew komunità tal-Insara tal-post immexxija mill-Isqof. Maż-żmien dawn il-knejjes ilkoll bl-istorja u d-drawwiet tagħhom, dejjem fittxew li jżommu l-għaqda mal-Knisja ta' Ruma li laqgħet ix-xhieda tal-kbar Appostli Pietru u Pawlu. Kien għalhekk li l-Isqof ta' Ruma kiseb ċerta importanza u maż-żmien bdew isejħulu Papa u jħarsu lejh bħala mexxej li jgħaqqad l-Insara u jħares it-Tradizzjoni Appostolika. Il-knejjes kollha li huma magħqudin mal-Papa bdew jissejħu Kattoliċi.

Ġieli però nħolqu xi kunflitti minħabba d-differenzi fid-drawwiet bejn l-Insara li kienu mferrxa ma' ħafna pajjiżi b'kulturi diversi. L-ikbar qasma seħħet fl-1054, meta l-Knisja Universali nqasmet fi tnejn. Fil-Punent baqgħet taħt it-tmexxija tal-Papa f'Ruma, u fil-Lvant kien hemm id-diversi Patrijarki tal-bliet prinċipali, bl-ikbar fosthom dak ta' Kostantinopli. Dawn illum jissejħu kollha Ortodossi, imma dawk li reġgħu lura f'għaqda mal-Papa bdew jissejħu Knejjes Orjentali. Tul l-istorja tal-Knisja però seħħet qasma oħra; fil-qalba tal-Ġermanja fl-1517 nibtet ir-Riforma Protestanta mmexxija minn Luteru, li maż-żmien tat bidu għal ħafna knejjes oħra li jissejħu Protestanti. Fosthom hemm ukoll l-Anglikani, li dan l-aħħar però rajna ritorn ta' ħafna minnhom lejn il-Knisja Kattolika.

Għalhekk tajjeb nibqgħu nitolbu. Għax minkejja li żammejna kważi l-istess Kredu li jgħaqqadna fil-fidi li ġabilna Kristu, għad baqgħalna xi kwistjonijiet bejnietna fuq min hu l-ewwel. U ninsew li aħna lkoll "imsejħa għal tama waħda", li hi l-Ħajja ta' dejjem fi Kristu. Għal dan irridu naħdmu u l-Papa dan jixtieq minna: niltaqgħu u nitolbu flimkien, kif għamel hu meta xahar ilu mar it-Turkija u l-Lebanon.

Għalhekk matul din il-ġimgħa fil-quddies se nżidu talba għal din l-għaqda mixtieqa, u nhar l-Erbgħa, 21 ta' Jannar, fl-4.00pm, se jsir servizz ekumeniku fil-knisja ta' S. Luċija, Ta' Kerċem.



**Avviżi:**

L-Erbgħa 21 ta' Jannar, fis-5.45pm, fil-Bażilika se ssir laqgħa oħra ta' talb fuq l-ispiritwalità ta' Dun Mikiel Attard, immexxija mill-Kan. D. Reuben Micallef. Fiha, Mons. Frankie Bajada se jkellimna fuq il-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel. Kulħadd mistieden. Tixxandar diretta fuq *Mnarjalive*.

Is-Sibt 24 ta' Jannar, fl-4.30pm, se jsir it-Tberik tat-Trabi fil-Ġuf mill-Isqof Anton Teuma waqt quddiesa speċjali f'Ta' Pinu. Mistiedna l-koppji kollha li qed jistennew tarbija.

"**Ulied mhux maqsuma**" Laqgħa minn Dr Charlie Azzopardi u l-Isqof Anton Teuma għall-ġenituri separati li qegħdin f'relazzjoni oħra, is-Sibt 31 ta' Jannar, fis-6.30pm, fl-iskola Primarja Sir Arturo Mercieca, ir-Rabat.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 7.00am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am